Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10166 —Latour Capital/Watling Street Capital Partners/Funecap Groupe)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 59/09)

1. Fil-11 ta' Frar 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Latour Capital Management SAS ("Latour Capital", Franza),

— Watling Street Capital Partners LLP ("Watling Street", ir-Renju Unit),

— Funecap Partenaires III ("Groupe Fondateur Funecap", Franza),

— Staglieno NewCo u s-sussidjarji tagħha ("Groupe Funecap", Franza), ikkontrollata minn Watling Street u Groupe Fondateur Funecap.

Latour Capital, Watling Street u Goupe Fondateur Funecap jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab tal-Groupe Funecap.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' titoli.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Latour Capital: kumpanija maniġerjali li takkwista ishma maġġoritarji u minoritarji prinċipalment f'kumpaniji Franċiżi, b'mod partikolari l-konsulenza tan-negozju, is-servizzi finanzjarji, il-fotografija tal-arti, l-inġinerija elettrika, id-distribuzzjoni tal-ilbies, il-konteniment tal-iskart u l-integrazzjoni tan-networks tal-komunikazzjoni fl-Ewropa,

— Watling Street: kumpanija prinċipali inkorporata taħt id-dritt Ingliż tal-grupp Charterhouse, li jipprovdi servizzi ta' ġestjoni ta' fondi ta' investiment Il-kumpaniji tal-portafoll ta' Charterhouse Group huma kumpaniji Ewropej primarjament attivi fis-servizzi, is-saħħa, l-industrija u l-prodotti / servizzi tal-konsumatur.

— Groupe Fondateur Funecap: grupp ikkostitwit minn Thierry Gisserot u Xavier Thouplus permezz tal-kumpaniji azzjonarji personali rispettivi tagħhom, Velluzco SAS u Ophrys Partners SAS, domiċiljati fi Franza. Minbarra l-Funecap Group, huma jikkontrollaw ukoll diversi kumpaniji oħra attivi fi Franza fis-setturi tal-produzzjoni fotovoltajka tal-elettriku, il-produzzjoni tal-enerġija u tas-sħana u s-servizzi tal-proprjetà immobbli u tal-lukandi.

— Groupe Funecap: attiv fi Franza (u marġinalment fil-Belġju) fil-forniment ta' servizzi funebri, ġestjoni ta' krematorji, xogħol tekniku fiċ-ċimiterji u senserija ta' assikurazzjoni tal-funerali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni Ewropea tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366 tal-14.12.2013, p. 5.

Dawn il-kummenti jeħtieġ li jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara id-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li dejjem tiġi speċifikata din ir-referenza:

M.10166 — Latour Capital/Watling Street Capital Partners/Funecap Groupe

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

Commission européenne
Direction générale de la concurrence
Greffe des concentrations
1049 Bruxelles
BELGIQUE